MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2009

Appell Kriminali Numru. 130/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Miruzzi)**
**Vs**
**Justin Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Dicembru, 2008, ghall-habta tal-23.30 hrs gewwa Triq l-Ahrax tal-Mellieha, Mellieha,

1. uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita’ ta’ kacca jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta’ tisfir irrekordjat minn qabel ta’ ghasafar u dan bi ksur tal-A.L. 79/2006 art 7 (1)(d) u art 7 (2);

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccja jew ipprova jikaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur b’xi mezz jew garr xi arma tan-nar u/jew munizzjon, ikkargata jew barra l-ghata taghha saghtejn wara nzul ix-xemx u

ssaghtejn qabel tlugh ix-xemx, u dan bi ksur ta’ l-A.L. 79/2006, Reg. 19(1) hekk kif emendat bl-A.L. 39/2007, Reg. 12.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 t’April, 2009, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 79/2006, Regolamenti 7(1)(d) u 7(2), Regolament 19 (1) u l-Avviz Legali 39/2007 Regolament 12, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu multa ta’ tmien mitt Euro (€800). Ordnat il-konfiska tal-“bird caller” u tas-senter Luigi Franchi bin-numru AH 25745, ai termini tal-artikolu 30(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t’April, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w issib lill-appellant mhux hati ta’ l-akkuzi migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija w piena w, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza billi tapplika piena ta’ mhux aktar minn mitejn u hamsin Euro (€250) u konfiska ta’ l-istess “bird caller” biss.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti, u cioe' :-

1. illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti specjalment meta skond it-tieni akkuza huwa ma kellu fl-ebda mument garr ta’ arma kkargata jew barra l-ghata taghha w li dan kollu kellu jigi rifless fil-piena li jidher li l-Qorti applikat piena qawwija, apparti wkoll il-konfiska tas-senter meta dan lanqas biss kien ikkargat u kien mizmum gewwa fil-pocket;
2. billi bhala “first offender”, l-appellant taht il-ksur ta’ l-A.L. 79/2006 kif emendat l-A.L. 39/2007, il-Qorti kellha, bhal ma taghmel is-soltu f’kazijiet simili, tapplika piena minima w certament ma tapplikax il-konfiska tas-senter.

Semghet fl-udjenza tal-lum lil PC 845 Ian Vella li ta d-dettalji kollha fejn instab l-appellant b'hafna munizzjon, senter fl-ghata tieghu imma zkargat, bird callers u hafna ekkwipaggament iehor tal-kacca w dana fil-hin tal-11.15 p.m.

Ghalhekk l-akkuzi jirrizultaw pruvati manifestament.

Qieset li mhux korrett l-appellant meta jghid li hu "first time Offender" ghax kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu hu gja gie misjub hati ta' reat iehor dwar ligijiet tal-kacca fit-28 ta' Mejju, 2008.

Ghalhekk zgur li ma hemmx lok ghal xi temperament fil-piena ghal din ir-raguni.

Ghalhekk din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Il-Qorti tawtorizza lill-appellant li jhallas il-multa msemmija ta' €800 b'rati mensili ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament illum u kull pagament sussegwenti mhux aktar tard mit-18 ta' kull xahar. F'kaz li l-appellant jonqos li jhallas xi pagament wiehed jew parti minnu, l-ammont bilancjali isir ezigibbli minnufih u, jekk ma jithallasx minnufih, jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi bir-rata ta' €11.65 ghal kull jum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------